MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Numru 588/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**KEVIN ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Kevin Attard, bin Carmelo Attard u Mary nee' Caruana, imwieled Pieta, nhar l-1 ta' Lulju 1983, u residenti gewwa 79, Dar Attard, Triq Hal Mula, Haz Zebbug detentur tal-karta ta' l-Identita' b'numru: 353983(M).

Gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Mejju 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer:-

1. Bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi animmal gieghel lil istess annimal, (Kelb) isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u talli abbandunah b'tali mod li-inzamm ghal hafna zmien fi hmieg tieghu stess, u minghajr ilma u ikel, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2), Taqsima 1 v, tal-Kap 439 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali;

2. Kif ukoll talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zamm annimali jew qabel li jzomm annimali ghandu u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) u 8(3), Taqsima 1 v, tal-Kap 439 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali.;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok RA3 u nnutat li l-imputat Kevin Attard m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li rigward l-imputat jissussistu problemi u cirkostanzi ta' sahha mentali.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 8(2), 8(3) u 45(1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Kevin Attard, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u

li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u id-Difiza iddikjaraw li jaqblu li rigward l-imputat jissussistu problemi u cirkostanzi ta’ sahha mentali, tillibera lill-istess imputat Kevin Attard taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Kevin Attard ghall-piena ta’ mitejn u tlieta u tletin Ewro (Ewro 233) multa.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Kevin Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------